**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 718/97

Henry Kitcher

vs

Tabib Principali tal-Gvern

Illum 12 ta' Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fl-1988 saret ingustizzja mieghu peress li ccahhad minn xoghol bix-shift u b'hekk tilef hafna flus ghaliex kien attiv fil-GWU.

Illi b'dan il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrent inqala' mir-roster tax-shift fejn kien jahdem fl-Isptar Monte Carmeli u dan minghajr ebda raguni hlief ghaliex kien attiv fil-G.W.U. Illi b'dan il-mod sistematiku ghal snin

shah tilef ix-shift allowances. L-ingustizzja saret fl-1988 u baqghet issehh ghal numru ta' snin.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija ma dan ir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedji billi jigi ordnat jiddahhal fir-roster tax-shift u jinghata kumpens sa mhux aktar min Lm5000 ghall-flus li tilef skond il-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi t-transfer li jinghata lir-rikorrent sar skond l-esigenzi tas-servizz ta' dak inhar u dan ai termini ta' l-appointment tieghu u ghalhekk bl-ebda mod ma jista jitqies illi inghata b'mod ingust.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib is-suespost a formali konjizzjoni ta' Henry Kitcher, talab lit-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif maghmula fir-rikors stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li fl-1976 dahal mal-Gvern fi Group D bhala plumber. Kien posted St. Lukes Hospital u dam hemm sa l-1987. Lehaq f'Marzu ta' l-1987. F'Settembru inghata transfer ghal Mount Carmel Hospital. Ma nghata l-ebda raguni ghaliex gie trasferit. Mount Carmel Hospital ma kienx hemm bzonn nies bil-grad ta' Works Technical Officer. F'Mount Carmel Hospital kien hemm aktar min jikkmanda milli min jahdem. Meta mar Mount Carmel Hospital, l-administrator qallu "trasferit hekk minghajr hadd ma jaf xejn, hawnhekk."

Semma li minkejja li f'Mount Carmel kienu jahdmu bix-xift u kellhom shift allowance, hu baqa' bejn l-1988 sa l-1995 ma jigix inkluz fix-shift, u sostna li b'hekk tilef Lm4620 ghaliex ix-shift allowance kienet ta' Lm55 fix-xhar u fuq medda ta' 7 snin titla ghal LM4620. Diversi drabi qal lis-superjuri tieghu biex jigi nkluz fix-shift u dan ma sehhx u esebixxa korrispondenza in sosten ta' dan. Zied li fl-area tax-xoghol tieghu hu biss ma ddahlx fuq ix-shift anke meta kien hemm vacancy ghaliex kien

spicca certu Charles Camilleri. Meta wasal Mount Carmel ma kien jaghmel xejn peress li kien hemm nies ohra tal-grad tieghu u ghalhekk ma sabux xoghol x'jaghtuh.

Joseph Attard enrolled nurse f'Mount Carmel kif ukoll shop steward tal-isptar mal-GWU xehed li wara l-elezzjoni tan-1987 Henry Kitcher kien kellmu fuq trasferiment li kien ha. Semma li t-taqsima tal-General Workers Union fl-Isptar bdiet tikteb f'isem ir-rikorrent biex huwa jerga jigi mcaqlaq Mt. Carmel, biex huwa jiehu x-shift.

Joseph Galea llum irtirat izda qabel kien assistant head inkarigat mill-administration go Mount Carmel Hospital xehed li jaf lir-rikorrent bhala Works Technical Officer inkarigat mill-Plumbers f'Mount Carmel. Stqarr li hu ma kienx talab biex jintbaghat is-Sur Kitcher f'Mount Carmel u li baghtuh fuq inizjattiva mill-Head Office. Qal li meta mar ir-rikorrent ma kellhomx xoghol bix-shift.

Grazio Axisa Chief Engineer fid-Dipartiment tas-Sahha iddiskriva lir-rikorrent bhala haddiem normali. Semma li hu ma kienx talab ghat transfer tar-rikorrent. It-transfer tas-Sur Kitcher inghata fl-4 ta' Frar 1988.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ikkunsidra li r-rikorrent kien jahdem l-isptarr San Luqa u gie trasferit fi Frar 1988 ghal Monte Carmeli. Hemmhekk ma inghatax shift u sostna li kawza ta' dan it-trasferiment tilef

LM4620. L-intimat sostna li r-rikorrent gie trasferit kawza tal-esigenzi tas-servizz.
Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

Kien jinkombi fuq l-intimat li jipprova fiex kienu jikkonsistu dawn l-esigenzi. Dan ma sarx u ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat.